# Il-Banda fl-Imgħoddi (23)

**Kitba ta' Jos. N. Farrugia**



Fil-laqgħa Ġenerali Annwali li saret il-Ħadd 22 ta' Jannar is-Sur Loretu Abela ġie maħtur Kaxxier ta' din l-Għaqda, filwaqt li s-Sur Tony Mangion baqa' l-President u s-Sur Jos. N. Farrugia is-Segretarju.

L-istedina lill-Baned Barranin għall-festa ta' Santa Marija dejjem kienet qed toħloq xi tgergir bejn il-Każini u l-Kappillan, għar-raġuni li l-Kappillan kien jieħu min jgħinu meta jmur jistieden il-Baned Barranin. Xi ħadd mill-Każini kien igerger għax mal-Kappillan ma kien ikun hemm ħadd min-naħa tiegħu, u mill-banda l-oħra, il-Kappillan żgur ma kienx ikun kuntent b'dan it-tgergir, u sa ċertu punt restrizzjoni, biex imur jistieden il-Baned Barranin. Peress li ħafna Baned kienu mxennqa li jmorru jagħmlu xi Servizz barra l-pajjiż, inkluż il-Baned tal-Gudja, l-ebda Każin ma kien jixtieq li tingħata l-idea li huma m'għandhomx x'jaqsmu mal-Festa ta' Santa Marija u b'hekk jiġi vantaġġjat dak il-Każin li xi ħadd minn tiegħu jkun mar mal-Kappillan. Biex jipprova jaqta' dan it-tgergir, kif ukoll biex inaqqas ir-responsabbiltà minn fuq spallejh, il-Kappillan, Dun Edgar Attard iddeċieda li t-tliet Baned barranin għall-festa ta' Santa Marija jieħdu ħsiebhom waħda kull wieħed il-Każini tal-Banda tal-Gudja għal Nhar il-Festa, u dik ta' Lejliet il-Festa ta' Santa Marija, jieħu ħsiebha l-Kappillan, li għandu jinżamm infurmat, biex ikun jista' japprova jew le, jekk il-Każin tal-Gudja, jaċċettawx dak li tkun qed titlob il-Banda Barranija, peress li dawn il-Baned se joħroġ il-flus għalihom il-Kappillan, flimkien mal-flus tar-riċeviment li jsirilhom fil-Każini. Dwar id-dritta, din titgawda minn dik il-banda barranija li ddoqq ħdejn il-każin li jkollu d-dritta, u b'hekk il-baned barranin jieħdu d-dritta sena kull wieħed.

Din is-sena wkoll, reġa' kellna numru sabiħ ta' allievi li ħarġu jdoqqu mal-banda tagħna, li kienu Michael Mifsud u Tony A. Farrugia bil-klarinett, Joe Abela bis-Saxafon Sopran, l-aħwa Dalli Joe bil-kurunetta u Wistin bil-Trumbun u Tony Attard bit-Tamburlin, filwaqt li s-Servizzi kienu:-

| | | |
|---|---|---|
| 12 ta' Marzu 1967 | Jum il-Membri | Gudja |
| Il-Banda tagħna għamlet Programm ta' Mużika Funebri daqqet il-marċi ta' sett C kif ukoll | | |
| Innu Funebri | Mater Dolorosa (Arr. J.M. Bilocca) | Frank Diacono |
| Innu Funebri | Meditation | Jos N. Farrugia |
| | | *Surmast Joseph M Bilocca* |

| | | |
|---|---|---|
| 14 ta' Awwissu 1967 | Santa Marija | Gudja |
| Wara marċ mat-toroq tal-Gudja il-Banda tagħna daqqet dan il-programm | | |
| Innu | Santa Marija | Joseph M Bilocca |
| Danza | Des Sultanes | P. Floridia |
| Marcia | Amorosa | Giov. Orsomando |
| Innu | Our Lady of Consolation | Willie Attard |
| Innu | Malti | Robert Samut |
| | | *Surmast Joseph M. Bilocca* |

| | | |
|---|---|---|
| 8 ta' Diċembru 1967 | Kunċizzjoni | Bormla |
| Wara marċ mat-toroq ta' Bormla il-Banda tagħna daqqet dan il-programm | | |
| Innu | L-Immakulata | Vincenzo Ciappara |
| Intermezzo | Il-Mattino | Chev. M Bartolucci |
| Fantasia | Carmen | Georges Bizet |
| Marcia | Polifonica | Giovanni Giumarra |
| Intermezzo | Visione | Chev. M. Bartolucci |
| Innu | Our Lady of Consolation | Willie Attard |
| Innu | Malti | Robert Samut |
| | | *Surmast Mro. Joseph M. Bilocca* |

# Baned tal-Gudja Magħqudin



Meta l-Gudja United rebħu l-promozzjoni għat-tieni diviżjoni fil-league tal-M.F.A.

Meta Malta saret Repubblika





Uffiċjali taż-żewġ baned flimkien